# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-1 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 702/2011 SM**

**Martin Fenech**
**(K.I. Numru 317670 M)**

**vs.**

**Clayton Galea**
**(K.I. Numru 341285 M)**
**u b'digriet tat-23 t'Awwissu, 2011,**
**is-socjeta` *Middlesea Insurance p.l.c.***
**intervenuta fil-kawza *in statu et terminis***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-21 t'Lulju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi fl-24 t'Awwissu, 2008, waqt li l-intimat kien qed isuq il-vettura numru CAH – 794 fi Triq Valletta, ir-Rabat, habat bil-mutur numru FAF – 671 proprjeta` u misjuq mir-rikorrenti stess;

1.2. Illi rizultat tal-istess kollizjoni r-rikorrenti:

1.2.1. Sofra danni fil-mutur tieghu;

1.2.2. Garrab griehi ta' natura gravi u debilitanti, (ara foll 4);

1.3. Illi ghall-incident *de quo* u ghad-danni minnu rizultanti, kien jahti unikament l-intimat, minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, bi ksur tal-artikli 1031 u 1032 (1) tal-Kodici Civili;

1.4. Illi bhala *"damnum emergens"*, id-danni sofferti mir-rikorrenti jinkludi s-segwenti:

1.4.1. Danni fil-mutur numru FAF – 671;

1.4.2. Spejjez ta' tobba u specjalisti;

1.4.3. Telf ta' xoghol;

1.4.4. Telf iehor;

1.5. Illi in konsegwenza tal-griehi gravi li garrab rizultat tal-istess incident, sofra wkoll *"lucrum cessans"* bhala rizultat tad-debilita` permanenti riskonstrata, (ara foll 8 u 10);

1.6. Illi *nonostante* li interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti, l-intimat baqa` inadempjenti;

1.7. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident in dizamina u ghad-danni kollha rizultanti mill-istess;

1.7.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.7.3. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

1.7.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat fuq indikat, (ara foll 2);

2. Rat l-ordni ta' din il-qorti diversament preseduta datata t-23 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu tat struzzjonijiet li partijiet involuti biex il-procedura tkun tista` titmexxa bi speditezza, (ara foll 14);

3. Rat id-digriet taghha wkoll diversament preseduta datat it-23 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu, wara rikors appozitu datat it-3 t'Awwissu, 2011, (ara foll 18), laqghet it-talba hemm kontenuta biex is-socjeta` asigurattrici hemm indikata tkun awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis* u tipprezenta risposta ghar-rikors guramentat promotur, (ara foll 18 u 20);

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-14 ta' Settembru, 2011, li permezz taghha l-intimat Clayton Galea irrisponda s-segwenti:

4.1. Illi jichad li hu responsabbli ghall-incident *de quo*;

4.2. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati;

4.3. Illi jirriserva risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Settembru, 2011, li permezz tieghu nnominat lill-espert mediku hemm indikat, (ara foll 41 u 42), flimkien mal-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 41 u 43);

6. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat l-1 t'April, 2014, li permezz tieghu, wara li awtorizzat lill-imsemmija assistent gudizzjarju tkompli tisma`ix-xhieda f'seduta gia` appuntata, tirritorna l-atti kollha lil din il-qorti biex tkompli tisma l-kawza hi stess, (ara foll 127);

7. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikata, (ara foll 185);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-3 ta' Mejju, 2016, (ara foll 192), flimkien ma dik tal-intimat datata t-30 ta' Mejju, 2016, (ara foll 196), u dik tas-socjeta` intervenuta datata wkoll it-30 ta' Mejju, 2016, (ara foll 201);

9. Semghet ix-xhieda prodotti quddiemha;

10. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti, inkluzi x-xhieda mismuha mill-assistent gudizzjarju fuq riferita u d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tal-4.30a.m. waqt li r-rikorrenti kien qieghed isuq il-mutur tieghu bin-numru FAF – 671 fi Triq Valletta r-Rabat mid-direzzjoni tar-Rabat lejn H'Attard hekk kif wiehed jaqbez ir-rotunda ta' Ta' Qali, (ara foll 5 u 46);

11.2. Illi fil-karreggjata tar-rikorrenti ma kien hemm l-ebda vettura ohra, izda fil-karreggjata l-ohra li taghti minn H'Attard lejn ir-Rabat, kien hemm xi tlett (3) vetturi ohra, (ara foll 46);

11.3. Illi skont ir-rikorrenti, il-velocita` li kien qed isuq biha kienet ta' madwar tletin (30) kilometru fis-siegha u kien sitwat fin-nofs tal-karreggjata tieghu, (ara foll 46);

11.4. Illi f'hin minhom ir-rikorrenti jara l-vettura tal-intimat taqla` l-vetturi li kellha quddiemha mixjin fid-direzzjoni tar-Rabat, (ara foll 46);

11.5. Illi biex jaffettwa s-sorpass *de quo* l-intimat invada kompletament il-karreggjata li fiha kien qed isuq ir-rikorrenti, liema karreggjata kienet ukoll munita b'linja bajda doppja, (ara foll 46 u 63E);

11.6. Illi konsegwenza tal-istess sar l-incident in dizamina (ara foll 4 *et sequitur*), li sehh bil-*bumper* ta' quddiem tal-lemin tal-vettura misjuga mil-intimat,(ara foll 47);

11.7. Illi rizultat tal-impatt:

11.7.1. Ir-rikorrenti intlaqat bil-vettura tal-intimat f'saqajh il-leminja, (ara foll 47);

11.7.2. Il-vettura tal-intimat spiccat orizzontali mat-triq, (ara foll 47);

11.7.3. Il-mutur twaqqa` u baqa` jitkaxkar madwar ghaxar (10) metri mill-punt tal-impatt sa kemm waqaf, (ara foll 47);

11.8. Illi kull ma jsostni li jiftakar l-intimat fir-rigward hu sintetikament is-segwenti:

11.8.1. Illi ra dawl qawwi f'ghajnejh (ara foll 5 u 186);

11.8.2. Illi ma sema` xejn, (ara foll 186), ghalkemm fir-rapport tal-incident hemm riferit li qal li kien sema` hoss, (ara foll 5);

11.8.3. Illi baqa` sejjer fi triqtu, (ara foll 5 u 186);

11.9. Illi rizultat tal-impatt ir-rikorrenti ma setghax iqum mill-art, kien assisstit minn sewwieqa ohra, u ttiehed l-isptar minn ambulanza li ssejhet fuq il-post, (ara foll 47);

11.10. Illi l-intimat baqa` sejjer fi triqtu daqslikieku ma gara xejn, (ara foll 4 u 47);

11.11. Illi r-rikorrenti kien ikkurat l-isptar u intbghat id-dar dakinhar stess, (ara foll 47);

11.12. Illi skont is-surgent li investiga l-incident *de quo* irrizulta sintetikament is-segwenti:

11.12.1. Illi rrizulta li kien hemm erba` (4) min-nies li kienu raw l-incident, (ara foll 63B);

11.12.2. Illi dawn kollha kkonfermaw il-versjoni tar-rikorrenti kif riprodotta qabel, (ara paragrafi numri hdax punt erbgha, (11.4.), sa hdax punt sebgha, (11.7.), aktar qabel), (ara foll 63B);

11.12.3. Illi l-vettura l-ohra tal-intimat li kkawzat l-incident in dizamina ma kienitx fuq il-post meta l-istess surgent mar jikkonduci l-investigazzjoni tieghu, (ara foll 63C);

11.12.4. Illi pero` fl-investigazzjoni tieghu fuq il-post l-istess surgent sab xi bicciet tal-*fibre* ta' kulur ahdar mettalliku li kellu l-istess grif tal-mutur tar-rikorrenti, (ara foll 63C);

11.12.5. Illi rizultat tal-esperjenza tieghu l-istess surgent sab il-*bumper* ta' wara tal-istess vettura tal-intimat fl-art fit-triq, (ara foll 63C);

11.12.6. Illi rizultat tal-istess sejba rrintracca ukoll lill-intimat u sabu d-dar tieghu, (ara foll 63C);

11.12.7. Illi rrizulta li meta interrogat l-intimat baqa` jsosstni li ra dawl qawwi f'ghajnejh izda qal ukoll li:

> "...haseb li laqat xi haga pero` ma mmaginax li kien xi mutur jew xi hadd u ghalhekk baqa` sejjer id-dar", (ara foll 63C);

11.12.8. Illi l-*bumper* misjub f'nofs it-triq ir-Rabat kien jikkombacja mal-vettura proprjeta` tal-intimat, (ara foll 63D);

11.12.9. Illi in oltre l-istess vettura tal-intimat instabet li kellha xi daqqa fuq il-*mudgard* tal-lemin ta' wara, (ara foll 63D)

11.12.10. Illi *di piu`*, l-istess intimat inform lis-surgent investigattiv li dak il-lejl hu kien qattghu f'Paceville, (ara fol 63D), u li meta saghtejn wara kien effettwat il-*breathelyser test* fuq l-istess intimata, irrizulta li kellu 94 mikrogrammi ghal kull 100 ml. (ara foll 63C), senjatament livell aktar mill-limitu koncess;

11.13. Illi l-versjoni tas-surgent *de quo* tirrizulta wkoll suffragata mix-xhieda immedjata ta' xhud okulari, (ara foll 67);

11.14. Illi finalment jigi rilevat li fis-sentenza tal-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) vs. Clayton Galea,*** datata l-***24 ta' Jannar, 2014,*** hemm riprodott is-segwenti:

> "Din il-qorti m'ghandha l-ebda dubju... li kien l-imputat li bi traskuragni u b'mod perikoluz u arditissimu, mhux talli qala` vettura, u mhux talli mar fuq in-naha l-ohra tat-triq biex jaghmel hekk – imma talli tajjar persuna u ghad-dirittura baqa` sejjer!!", (ara foll 118);

Ikkunsidrat:

12. Illi tenut kont tas-suespost ghandu komplessivament ghalhekk ikun pacifiku li l-incident in dizamina sehh unikament tort u htija tal-sewqan negligenti, perikoluz u rrisponsabbli tal-intimat;

Ikkunsidrat:

13. Illi jirrizulta li fit-triq fejn sehh l-incident *de quo* il-karreggjati tat-triq huma divizi minn linja doppja bajda, (ara foll 63E);

14. Illi f'dan ir-rigward jigi sottolineat dak ritenut mill-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Valerian Formosa vs. Squadron Leader Alfred Hone*** datata t-***3 t'Ottubru, 1963***, li rriproduciet is-segwenti:

> "The driver who is on the wrong side of the highway in violation of the rule of the road is generally the cause of the collision and therefore responsible for the damage sustained by the one driving on the proper side, provided the latter was exercising reasonable care", (*Gibb & Millner*), (*The Trial of Motor Car Accident Cases*, Sec. 73, p.64);

Ikkunsidrat:

15. Illi stabbilita r-responsabbilita` ghall-incident in dizamina hu issa inkombenti li jigu investiti d-danni kkagunati lir-rikorrenti mill-azzjoni skonsiderata tal-intimat;

16.0. Illi rigward id-***Damnum Emergens*** jinghad is-segwenti:

16.1. €700.90: biex jinzebagh u jigi armat il-mutur, (ara foll 109);

16.2. €785.83: ghall-i*spare parts* bzonjuzi fil-mutur, (ara foll 26 u 33 sa 36);

16.3. €727.45: ghas-*sick leave* mhux imhallas, (ara foll 131);

16.4. €167.00: ghall-ispejjez ta' tobba, (ara foll 26 sa 30);

16.5. € 69.88: danni ghat-tiswija tal-arlogg, (ara foll 26 u 31) – li fir-rigward jigi sottolineat li l-ircevuta prodotta tirrigwarda l-mument meta inxtara l-istess arlogg u mhux it-tiswija tieghu, u li konsegwentement mhix ser tigi kkonsidrata fil-likwidazzjoni in dizamina;

17. Illi tenut kont tal-elenku suespost l-ammont totali tad-***Damnum Emergens*** relattiv hu ta' elfejn tlett mija u wiehed u tmenin euro u tmintax- il centezmu, (€2,381.18);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi rigward il-***Lucrum Cessans*** involut jinghad is-segwenti:

18.1. Illi ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjoni in dizamina ssir riferenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Laura mart Emanuel Formosa et vs. Emanten Spiteri et*** datata t-***28 t'April, 2005***, li sostniet is-segwenti:

> "Fil-kalkolu tal-paga tad-*decuius*, wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni z-zieda potenzjali fid-dhul tieghu";

18.2. Illi fir-rigward tal-paga percepita mir-rikorrenti jirrizulta s-segwenti:

18.2.1. Illi fl-2008 kellu paga ta' €13,131.13, (ara foll 39);

18.2.2. Illi fl-2009 kellu paga ta' €14,040.39, (ara foll 99);

18.3. Illi konsegwenza tal-istess, b'konsiderazzjoni taz-zieda fid-dhul percepit mir-rikorrenti, ser tigi applikata paga ta' **€15,000.00** fis-sena;

Ikkunsidrat:

19. Illi rigward il-*"multiplier"* din il-qorti ser tibbaza ruhha fuq l-insenjament tal-***Qorti tal-Appell*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***James Spiteri vs. Joseph Magro et***, datata l-***5 ta' Dicembru, 2014*** li irriteniet li f'dawn ic-cirkostanzi ghandu:

> "... jigi adoperat *multiplier* ta' ***20*** u dan peress illi r-rikorrenti kellu 38 sena meta sehh l-incident";

20. Illi *di piu`*, skont l-espert mediku nominat minn din il-qorti li r-relazzjoni tieghu lanqas kienet sindakata mill-istess intimat, stabbilixxa li r-rikorrenti sofra dizabilita` permanenti ta' 7% kagun tal-istess incident;

21. Illi din il-qorti m’ghandiex ragunijiet ghaliex ma tistriehx fuq l-istess relazzjoni, u konsegwentement tiddikjara li qeghda taghmel l-istess relazzjoni taghha u tistabbilixxi l-persentagg ta’ dizabilita` stabbilit mill-istess espert mediku bhala taghha;

22. Illi rigward il-fatt li l-procedura odjerna kienet intavolata fl-2011 u ser tigi deciza in prim’istanza fl-2016, jinghad li ghal dak li ghandu x’jaqsam ma *“lump sum payment”* ghandu jitnaqqas l-ammont ta’ erbghatax fil-mija, (14%);

23. Illi konsegwentement, tenut kont tas-suespost l-ammont *de quo* qieghed jinhadem bil-mod segwenti:

**Paga:** €15,000.00 x **multiplier** ta’ 20 x 7% f’**danni** – tnaqqis ta’ 14% = €18,060.00

24. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv ta’ ***damnum emergens*** (€2,381.18), u ***lucrum cessans***, (€18,060.00), jammonta ghal ghoxrin elf erba` mija u wiehed u erbghin Ewro u tmintax -il centezmu, (€20,441.18);

**DECIDE:**

25.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti Martin Fenech ipprova t-talbiet tieghu fil-konfront tal-intimat Clayton Galea u konsegwentement:

25.1. Tiddikjara li l-intimat Clayton Galea hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina fuq espost u ghad-danni kollha rizultanti mill-istess;

25.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti Martin Fenech fl-ammont ta’ ghoxrin elf, erba` mija u wiehed u erghin euro u tmintax- il centezmu, (€20,441.18);

25.3. Tikkundanna lill-intimat Clayton Galea biex ihallas lir-rikorrenti Martin Fenech l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

25.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess intimat Clayton Galea.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**